TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 87

KAZ NRU. 108

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mario Abela
u
Messrs Mosta Spinning Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 1 t'April, 1981.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tas-27 t'Ottubru 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Mario Abela mill-Kumpanija Mosta Spinning Co. Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant deher ghalih in-nifsu waqt li l-Kumpanija Mosta Spinning Co.Ltd., kienet rapprezentata mis-Sur Edward Micallef, Personnel Manager ta' l-istess Kumpanija.

3. Statements of Case - Is-Sur Mario Abela issottometta li hu f'Mejju ta' l-1980 kien talab gurnata leave erbat ijiem qabel il-gurnata li ghaliha kellu bzonn il-'leave' ghaliex f'dik il-gurnata kellu appuntament mad-dentista ghax kellu darsa li kienet tugu "ta' sikwit" u kellu bzonn jaqlaghha.

/2. .....

Saghtejn qabel ma spicca x-xoghol, lejliet il-gurnata li ghaliha talab il-leave, is-'supervisor' kien infurmah li billi kien ghad baqghalu gurnata wahda biss leave, it-talba tieghu tal-leave ghall-ghada ma gietx milqugha, u dan minkejja l-fatt li xi hadd minn shabu kien ga hadu l-leave kollu. L-ghada ha hsieb icempel lis-Sur Edward Micallef, il-Personnel Manager biex jinfurmah li hu ma setghax jidhol ghax-xoghol ghax kellu appuntament mad-dentista. Billi ma marx ghax-xoghol dik il-gurnata, hu gie mkecci mmedjatament minghajr ebda notice.

4. <u>Ghall-Kumpanija</u> gie sottomess li Mario Abela falla x-xoghol fl-14 ta' Mejju 1980 minghajr permess u l-ghada gie mkecci mill-impieg ghaliex hu kien ilu jigi mwissi biex ma jfalliex u ma jirrappurtax ghax-xoghol tard u ta' dan taw dawn id-dati.

28 ta' Mejju 1975 falla minghajr permess - gie mwissi
21 ta' Lulju 1975 falla minghajr permess - l-ahhar twissija
19 ta' April 1977 falla minghajr permess - l-ahhar twissija
3 ta' Jannar 1978 falla minghajr permess - l-ahhar twissija u sospiz gurnata
3 ta' Jannar 1979 falla minghajr permess - l-ahhar twissija u sospiz ġurnata
24 t'Ottubru 1979 falla minghajr permess - L-ahhar twissija u sospiz tlett ijiem.
14 ta' Mejju 1980 falla minghajr permess - Imkecci.

Dawn it-twissijiet kienu bil-miktub u Mario Abela iffirma ghalihom kif jidher mill-esibiti mmarkati (Doks. 3,4,5, 6,7,8). Barra minn dan il-Kumpanija sostniet ukoll li Mario Abela kien gie ammonit spiss talli kien imur tard ghax-xoghol u gie sospiz ghal din ir-raguni fil-25 t'April 1980 u kien dahal ghax-xoghol tard kemm-il darba u d-dati gew elenkati ukoll fl-'istatement of case' fl-ewwel erba' xhur tas-sena 1980, dan gara fl-14 ta' Jannar,

12 ta' Marzu, 13 ta' Marzu, 24 ta' Marzu, u 25 t'April. Fuq l-incident tal-14 ta' Mejju, 1980, li wassal ghat-tkeccija tal-appellant, il-Kumpanija sostniet li l-fatti kienu li fit-13 ta' Mejju, 1980, Mario Abela ried gurnata leave li l-Kumpanija ma setghetx tapprova u ghalhekk is-'Supervisor' tieghu Jimmy Cuschieri kif ukoll il-'Floor Overlooker' Hector Spiteri avvicinawh u gharrfuh li ma setghux japprovawlu dan il-leave. Hu nsista li ried jehodha, hedded li xorta wahda ma kienx ser jigi ghax-xoghol u hawnhekk il-Kumpanija wissiwtu li jekk ifalli bla permess ser jitkecca kif fil-fatt gara. Sa dak in-nhar Mario Abela kien baqghalu biss gurnata wahda leave biss u sa Mejju kien ga ha izjed milli kien suppost. Gie esibit estratt mill-"Collective Agreement" bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union fejn il-Kumpanija kella d-dritt ta' tkeccija kemm minhabba "continual lateness" kif ukoll fuq "repeated absenteeism." (Dok. 9).

5. It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom sema' x-xhieda ta' : Rita Magro, Jimmy Cuschieri, Joseph Muscat, prodott mill-appellant u Hector Spiteri prodott mill-Kumpanija.

6. Xhieda fil-qosor - Rita Magro mpjegata mal-Kumpanija bhala 'Machine Operator' qalet li hi kienet hemm meta s-'Supervisor'ibbukkja l-gurnata 'leave' li talab Mario Abela u wara qallu li kollox sew u li lejliet il-gurnata tal-leave, Mario Abela mar jghidilha "ara daqsxejn x' ghamluli u issa s-'supervisor' qalli li s-Sur Micallef ma jridx jaghtihieli."

Jimmy Cuschieri. Supervisor mal-Kumpanija qal li hu kien ibbukkja gurnata 'leave' lill-appellant izda dan kien ifisser li hu jaghmel il-karta imexxiha lil ta' fuqu biex jew japprovaha jew izommha u mhux l-ewwel darba li jirrifjutawha. Hu kien informa lil Mario Abela li l-applikazzjoni tieghu ma kienetx approvata dik in-nhar

stess li ghamillu l-karta ghal xi t-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Kien minnu li hu kien ibbukkjahielu xi granet qabel izda meta Mario Abela ghamel il-karta hu mexxieha dik in-nhar stess u ma gietx approvata u infurmah ftit hin wara li saret il-karta izda "ibbukkjata kienet ilha komm granet ma nafx imma kienet ilha ibbukkjata" zied jghid ix-xhud. Ftakar ukoll li meta s-Sur Spiteri il-'floor overlooker' kien informa lil Mario Abela li l-gurnata 'leave' li ghaliha kien applika ma setghetx tinghatalu Mario Abela wiegeb "jiena xorta ma nigix" u s-Sur Spiteri qallu "mela jkollok tbati l-konsegwenzi" jew xi haga f'dan is-sens li jittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu.

<u>Joseph Muscat.</u> Qal li ma setax jiftakar x'hin kien meta s-supervisor qal lil Mario Abela li l-gurnata leave ma setax jaghtihielu izda kien fl-ahhar hin tax-xift, ma kienx prezenti izda Mario Abela stess kien mar qallu. Kien jaf li Mario Abela kien ibbukkja gurnata leave u lejliet kien mar qallu "ara x'ghamluli ma tawhiliex leave."

<u>Hector Spiteri</u> - "floor overlooker" mal-Kumpanija qal li hu ma kienx jaf meta Mario Abela ibbukkja l-leave imma meta ghamel il-karta mar is-"Supervisor" ghandu u qallu li dan ghandu l-leave u hu kien wiegbu li jehseb li Mario Abela kien ha hafna leave, ghalhekk cempel il-'personnel' u dan qallu li Mario Abela kien baqghalu gurnata wahda leave biss u ghalhekk kien bghat ghalih u qallu li jiddispjacih illi billi kien ha hafna leave,dik il-gurnata li applika ghaliha ma setghax jaghtihielu u dan wiegbu "jiena xorta wahda mhiniex gej" u x-xhud wissih "jiddispjacini ikollok tbati l-konsegwenzi jekk ma tigix" u ghal dan id-diskors kien prezenti s-"supervisor" Jimmy Cuschieri.

7. <u>Sottomissjonijiet finali</u> <u>Mario Abela</u> issottometta li bhal ma qal fl-istatement of case hu ma kellu ebda tort

/5. .....

ghal dak li gara u ghalhekk talab li tinghatalu l-paga ta' kemm dam wieqaf mix-xoghol kif ukoll li tithassar kwalunkwe rimarka hazina fil-kondotta tieghu ghax ma setghax jirregistra ghax-xoghol mhabba c-certifikat li sarlu ta' temm ta' mpieg.

Is-Sur Edward Micallef ghall-Kumpanija issottometta li Mario Abela kien ilu jahdem mal-Kumpanija madwar ghaxar snin u matul dan iz-zmien kemm-il darba gie mwissi u nghata c-cans li jirranga l-attitudni tieghu lejn ix-xoghol u min ihaddmu. Kien ifalli ta' sikwit u hafna drabi kien igib certifikati ta' tobba privati minghajr biss ma jinforma lill-Kumpanija minkejja l-fatt li kellu telefon id-dar. Dan kellu ordni li jcempel qabel l-ghaxra ta' filghodu biex ikun jista' jmur it-tabib tal-Kumpanija. It-tobba tal-Kumpanija darbtejn i.e. fit-3 ta' Settembru 1979 u fis-6 t'Awissu 1979 ma ccertifikawhx. Fuq l-incident tal-gurnata tal-'leave', gie sottomess li Mario Abela kien tilef il-kredibilita' mhabba l-precedenti li kellu u billi kien ghad baqghalu gurnata wahda biss mill-leave li kellu ghal sena u kien ghadu Mejju kien kmieni wisq biex jezawrixxi l-'entitlement' kollu tal-'leave'. Kif dehor mill-esibiti, Mario Abela kien gie mwissi bil-miktub u sospiz kemm-il darba mhabba li kien ifalli minghajr permess, kien ukoll ta' spiss jasal tard ghax-xoghol u anki fuq dan kien gie mwissi u l-mizura estrema tat-tkeccija ittiehdet skond il-collective agreement li l-Kumpanija kellha mal-Union kif jidher mill-kopja taghha li giet esebita (Dok. 9). Izda minkejja t-twissijiet, minkejja l-passi dixxiplinarji li ttiehdu spiss kontrih, meta gie avzat li l-leave ta' gurnata ma nghatalux hu xorta falla ghax insista li ser jisfida r-regolamenti tal-Kumpanija u dan bil-konsegwenza ta' tharbit fil-produzzjoni u ezempju hazin ghal shabu. Mal-kumpanija kien hemm 250 impjegat u kien hemm bzonn ta' dixxiplina stretta u umanitarja. Kien ghal dawn ir-ragunijiet li t-temm ta' mpieg ta' Mario Abela kien gustifikat.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. It-Tribunal dejjem jiehu in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma' fuq il-meritu tal-kaz. F'dan il-kaz l-appellant ma kellux min jassistih u kellu ghalhekk zvantagg serju. Kemm mill-kopji ta' dokumenti esibiti kif ukoll mix-xhieda jidher li l-appellant kellu nuqqasijiet mhux ta' karattru u inqas ta' 'performance' fuq ix-xoghol, izda kien xi drabi jasal tard ghax-xoghol, u li kien falla minghajr permess u ta' dawn in-nuqqasijiet kien gie mwissi u sospiz darbtejn ghal gurnata u darba tlett ijiem. Izda meta gie moghti l-kastig estrem tat-tkeccija kien fuq incident ta' talba ghal gurnata leave li giet lilu michuda l-ahhar mument u hu hadha minn rajh. It-Tribunal ma jistax ikun li jaccetta agir bhal dan ghax bhal ma ntqal sewwa hafna f'award ta' dan it-Tribunal, "L-impieg huwa sagru, imma biex ikun verament hekk, hemm bzonn jibza sew ghalih l-impjegat ukoll." F'dan il-kaz, pero', ghalkemm l-appellant ghamel hafna hazin li ha l-gurnata tal-'leave' b'idejh, kien hemm cirkostanzi li jtaffulu din il-htija ghax jidher car li hu kien applika ghal din il-gurnata leave granet qabel u l-kelma li weza kulhadd kienet "ibbukkja" gurnata leave u hadd ma kien qallu li ser ikun hemm l-icken diffikulta biex din il-gurnata leave tinghatalu. L-appellant kien ghalhekk ghamel l-appuntament li kellu jaghmel - hu qal konsistentament li kien mad-dentista - u dan gie avzat li din it-talba ghal leave ma gietx approvata proprju lejliet li kellu jehodha u mhux biss lejlet izda tard fil-gurnata - xhud wiehed qal li kien xi t-3.30p.m. ta' wara nofs in-nhar u xhud iehor qal 'fl-ahhar tax-xift'. L-appellant kien ghad baqghalu gurnata leave u hadd ma tah x'jifhom li mhux ser tinghatalu. Huwa minnu li ghamel zball li ma dahalx ghax-xoghol izda t-Tribunal ihoss li mhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-htija ma kienetx gravi hekk li kienet timmerita l-kastig estrem tat-tkeccija bil-

konsegwenzi kollha li ggorr maghha izda kienet timmerita azzjoni dixxiplinari inqas harxa.

9. <u>Award</u>. Ghalhekk it-Tribunal, waqt li jichad it-talba ta' l-appellant ghall-kumpens ta' kemm ilu barra mix-xoghol, jordna li Mario Abela jerga' jidhol ghax-xoghol mall-Kumpanija Mosta Spinning Co. Ltd. mhux iktar tard mis-6 t'April 1981, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

C.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

~~30~~ 1 ta' ~~Marzu~~ April 1981

em